# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 3 ta' Lulju 2019

**Rikors Numru : 415/2018JPG**

**Kawza Numru : 28**

**KR**

**Vs**

**U b'digriet tat-30 ta' Jannar 2019 gew nominati Dr. Fransina Abela u P.L. Louisa Tufigno bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti KM** (Detentur tal-Passaport X)

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' KR, datat 14 ta' Settembru 2018, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti, ikkontrattaw iz-zwieg fis-16 ta' Gunju tas-sena 2012 (Dokument KR1) u miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal.*

2. *Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn- Nutar Dottor Liza Schembri, animo ritirandi, fl-24 t'April 2015; (Dokument KR2).*

3. *Illi ghalkemm kif inghid, il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti gie*

*ppubblikat anqas minn erba (4) snin, l-istess kontendenti kien ilhom minn April tas-sena 2014 jghixu mhux flimkien (Artikolu 7 a fol. 3 tal-istess kuntratt).*

4. *Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, inter alia, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Artikolu 2 a fol. 3 tal-istess kuntratt).*

5. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.*

6. *Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.*

*Bl-ispejjes.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta datata 25 ta' Frar 2019, tal-Kuraturi Deputati Avukat Fransina Abela (KI 79051M) u PL Louisa Tufigno ghar-rukors datat 14 ta' Settmebru 2019, a fol 10 li taqra hekk:

1. *Illi huma fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-intimata mhumiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafi l-fatti.*

2. *Illi l-esponenti, bir-rispett, jitlobu lir-rikorrenti sabiex jghaddilhom, jekk huwa possibli, xi indirizz inkluz indirizz eletroniku, jew xi numru telefoniki jew ta' mobile ta' Ksenia Makushkina u dan sabiex issir tentattiv ta' komunika maghha.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi Dr.Fransina Abela ddikjarat illi minkejja il-korrispondenza li bghatet, ma rceviet ebda risposta (Vide fol 36);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**KR** xehed a fol 34 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Gunju 2012 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Xehed illi l-partijiet ma baqghux jghixu flimkien minn April 2014, u kienu eventwalment ottjenew is-separazzjoni legali fl-24 t'April 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed li skont manteniment m'hemm l-ebda manteniment pagabbli lil xi hadd mill-partijiet, u ghalhekk m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Ikkonferma illi m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieġ illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-16 ta' Gunju 2012 (vide certifikat taz-zwieg Dok KR1, a fol 4) u li minn dan iz-zwieg l-partijiet ma kellhomx ulied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri, datat 24 ta' April 2015 (vide Dok.KR2 fol 5 et seqq.) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilhu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**